MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2003

Citazzjoni Numru. 2398/1996/1

**Mario Tonna**

**Vs**

**Holland u Hallett Limited**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi permezz ta’ ittra tal-20 ta’ Mejju 1996 kopja taghha annessa ma’ l-att tac-citazzjoni Dok. A mibghuta minghand l-Avukata Louise Sant Fournier indirizzata lill-attur u miktuba ghan-nom ta’ Christian Holland ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Holland u Hallett Ltd. l-istess attur sar jaf li fid-29 ta’ April 1996 inghatat sentenza mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fejn huwa gie kkundannat

ihallas lis-socjeta` konvenuta, allura attrici, is-somma ta' elf mitejn u disgha u tletin lira Maltija u tnejn u sebghin centezmu (Lm1239.72), liema kawza ggib l-ismijiet Christian Holland bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Holland u Hallett Limited vs Mario Tonna (Citazz. numru 195/95/AM);

Premess illi l-attur qatt ma gie notifikat bic-citazzjoni imsemmija u ghalhekk hemm lok ghar-ritrattazzjoni tal-kawza ai termini ta' l-Artikolu 811(b);

Talab ghalhekk l-attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tordna ir-ritrattazzjoni tal-kawza fl-ismijiet Christian Holland bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Holland u Hallett Limited vs Mario Tonna (Citaz nru. 195/95/AM), maqtugha fid-29 ta' April 1996 kollox kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi;

Bl-ispejjez kontra il-konvenut *nomine*;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attur u l-lista tax-xhieda minnu indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-Nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta illi fiha eccepiet:-

1. Illi t-talba attrici kellha tigi respinta bl-ispejjez kontra l-attur stante li ma kienx minnu li c-citazzjoni *de quo* ma gietx innotifikata lill-attur li anzi gie regolarment notifikat bl-istess citazzjoni permezz tal-procedura ta' l-affissjoni;

2. Salvi eccezzjonijiet ohra;

Bl-ispejjez;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess socjeta` konvenuta u l-lista tax-xhieda minnha indikati;

Rat id-digriet tal-11 ta' Novembru 1997 li permezz tieghu giet nominata l-Assistent Gudizzjarja Dr. Monica Borg Galea biex tigbor il-provi;

Rat l-atti kollha tal-process, kif ukoll dawk tal-kawza Citazzjoni Numru 195/95 deciza fid-29 ta' April 1996;

Ikkonsidrat:-

L-attur qieghed jitlob ir-ritrattazzjoni tac-citazzjoni Numru 195/95 fl-ismijiet "Christian Holland bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Holland u Hallett Limited –vs- Mario Tonna" deciza minn dina l-Qorti fid-29 ta' April 1996. Huwa jippretendi li din is-sentenza ma kellhiex taghmel stat fil-konfront tieghu ghaliex in-notifika tac-citazzjoni ma saretx konformement ma' dak li tippreskrivi l-ligi. Dan fis-sens li din l-istess citazzjoni qatt ma waslet ghandu u l-affissjoni taghha kienet nulla. Ghaldaqstant huwa jinvoka r-rimedju tar-revizjoni tas-sentenza moghtija in bazi ghal dak dispost fis-subinciz (b) ghall-Artikolu 811 tal-Kapitolu 12;

Il-precitat subinciz jaghti d-dritt tas-smigh mill-gdid tal-kawza fejn jirrizulta li "c-citazzjoni ma tkunx giet innotifikata lill-parti telliefa, basta li din il-parti, ghad li ma tkunx giet innotifikata, ma tkunx dehret fis-smigh tal-kawza.";

Huwa indiskuss anke ghaliex hu daqstant ovvju illi n-notifika ta' atti gudizzjarji hi regolata b'disposizzjonijiet specifici fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u, allura, il-validita` tan-notifika tista' biss tigi sorretta jekk jigi stabbilit konkluzivament illi din tkun saret strettament skond kif provvdut fid-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 12;

Issa minn ezami ta' l-atti fil-kawza l-ohra jirrizulta mir-riferta tal-purtier tal-15 ta' Mejju 1995 illi l-ewwel tentattiv tan-notifika falla billi "ma fetah hadd". Similment fallew tentattivi ohra kif hekk hu evidenti mir-riferti tal-20 ta' Gunju 1995, l-10 ta' Ottubru 1995, u 6 ta' Dicembru 1995.

B'rikors intavolat fis-6 ta' Frar 1996 (fol. 12) is-socjeta` attrici f'dik il-kawza talbet, u otteniet, il-fakolta` li tinnotifika lill-attwali attur ritrattand bil-procedura ta' l-affissjoni. Notifika li mir-riferta tat-13 ta' Frar 1996 jidher li saret billi kif hemm jinghad twahhlet kopja fl-indirizz provvdut (31/6 Dingli Street, Sliema) u fl-Ghassa tal-Pulizija Distrettwali ta' tas-Sliema;

Biex l-attur odjern jirnexxielu b'success jerga' jiftah mill-gdid it-trattazzjoni tal-kawza u jipprovoka decizjoni ohra, jinhtieglu jeghleb l-ewwel ostakolu tal-gudizzju tar-ritrattazzjoni, jigifieri, dik li jannulla l-ewwel sentenza li ghaddiet in gudikat. Dan ghaliex, kif pacifikament akkolt f'gurisprudenza kostanti, "oggett ta' l-ewwel stadju – *il rescindente* – hu li tigi annullata s-sentenza bejn il-partijiet li tkun saret gudikat; skop tat-tieni stadju – *il rescissorio* – hu li terga' ssir it-trattazzjoni tal-kawza u tigi moghtija sentenza gdida" – "**Giuseppe Camilleri *nomine* –vs- Giovanni Schembri**", Appell Civili, 19 ta' Frar 1962;

Fl-istanza odjerna l-attur jallega illi hu joqghod fil-fond ta' Tower Road, Sliema u mhux f'dak ta' Dingli Street, ghalkemm ghamel xi zmien jirrisjedi fih jew regolarment uzat minnu. Huwa spjega wkoll illi l-fond ta' Dingli Street jikkonsisti fi blokk ta' flats u biex taccedi ghall-appartament tieghu Numru sitta (6) irid ikollok cavetta appozita tal-bieb estern u cavetta ohra specjali tal-lift biex mil-livell ta' l-appartament numru 5 taccedi sal-flat tieghu. Dan peress illi bejn iz-zewg appartamenti hemm gate msakkar u allura l-flat tieghu jintlahaq biss mil-lift imsemmi;

Issa ghal dak li jghodd ghall-kaz in ezami gjaladarba ntuzat il-procedura tan-notifika bl-affissjoni jinsab precizat fis-subinciz (3) ta' l-Artikolu 187 tal-Kapitolu 12 illi fejn id-dhul fil-lok fejn toqghod il-persuna notifikanda li tinsab Malta ma jkunx jista' jsir jew il-lok tad-dar taghha ma jkunx maghruf, allura f'kaz bhala dan il-Qorti ghandha l-fakolta li tordna li n-notifika ssir:

I. "billi titwahhal kopja ta' l-att fil-post, fil-belt jew fid-distrett fejn soltu jitwahhlu l-atti ufficjali";

u "billi dik l-iskrittura jew att jinhargu fil-qosor fil-Gazzetta u f'gurnal ta' kuljum wiehed jew iktar minn wiehed skond kif il-qorti tiddeciedi";

Kif gja kellha okkazjoni tosserva din il-Qorti, kif presjeduta, "una volta l-Qorti taderixxi mat-talba konducenti ghan-notifika ta' l-att bl-affissjoni, imbaghad, jinkombi li l-formalita` shiha tad-dispost tal-ligi msemmi tigi segwita u ezegwita. Dan, fil-fehma ta' din il-Qorti, hu di rigore, tant li jiddistingwi t-test tal-ligi fl-istat attwali taghha minn dak li kien precedentement qabel l-emendi ntrodotti ghall-Kodici bl-Att XXIV ta' l-1995. Fejn qabel kellek l-ghazla bil-fatt tal-preposizzjoni "jew" illum l-uzu tal-konguntiv "u" elimina l-alternattiva u rrenda tassattiv kemm it-twahhil ta' l-att fil-post indikat kif ukoll il-pubblikazzjoni ta' estratt ta' l-att" – "**Francis sive Frank Fenech –vs- Raymond Mallia *nomine***", 28 ta' April 2003;

Ankorke` ic-citazzjoni fil-kawza l-ohra setghet giet introdotta qabel id-dhul in vigore tal-precitat Att XXIV ta' l-1995, huwa ben maghruf illi "ligijiet godda tal-procedura skond principji mhux kontestati jidhlu ghall-applikazzjoni immedjatament meta ma hemmx disposizzjoni kuntrarja" – "**Giorgio Gauci –vs- Felice Abela *nomine***", Appell Civili, 14 ta' Frar 1936;

Effettivament s-subincizi (1) u (2) ta' l-Artikolu 362 ta' l-Att imsemmi jipprovdi disposizzjonijiet transitorji. Dan fis-sens illi d-disposizzjonijiet tal-ligi principali kif b'dak l-att emendat ghandhom jghoddu ghall-proceduri kollha li jkunu pendenti quddiem xi qorti u li f'dik id-data jkunu ghadhom pendenti u ma ghaddewx in gudikat [subinciz (1)]. Mill-banda l-ohra s-subinciz (2) tal-precitat Artikolu 362 jsalva l-validita` ta' l-atti li jkunu saru qabel dawk l-emendi anke jekk dawn ikunu jmorru kontra, jew ma jkunux konformi mal-Kodici kif issa emendat;

Huwa car ghalhekk illi l-emendi ta' indoli procedurali nghataw effett retroattiv biex japplikaw ghal proceduri kollha li jkunu ghadhom "in korso" u li ma ghaddewx in gudikat. Trasportat ghal kaz taghna dan ifisser illi meta fis-6 ta' Frar 1996 saret it-talba mis-socjeta` issa ritrattata

ghall-affissjoni kien mehtieg li jigi segwit u konsegwit *ad unguem* id-dispost ta’ l-Artikolu 187(3) kif emendat. Kif drabi ohra ritenut b’referenza ghal ligijiet ta’ procedura *“si debba osservare alla lettera e non per equipollens”* (“**L. Spiteri –vs- E. Azzopardi**” a **Vol. XVII P I p 879**);

Minn dan kollu relatat, meta applikat ghal kaz hawn konsiderat, ghandu jkun car illi d-disposizzjoni relattiva dwar in-notifika bl-affissjoni ma gietx ottemperata f’dan il-kaz. Bil-konsegwenza li ma jistax jinghad illi n-notifika tac-citazzjoni saret validament lill-parti sokkombenti ossija lill-attur fil-prezenti istanza. Il-motiv allura adott mill-attur *in rescindente* ghandu jirnexxi u l-Qorti ssib raguni sufficcjenti ghall-akkoljiment tat-talba.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta` u tiddeciedi l-kawza billi tordna r-revoka tas-sentenza taghha tad-29 ta’ April 1996 fil-kawza fl-ismijiet “Christian Holland bhala Chairman ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta Holland u Hallett Limited –vs- Mario Tonna” (Citazz. Numru 195/95) u dan a tenur ta’ l-Artikolu 811(b) tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili ghar-raguni li l-attur ma kienx gie validament notifikat bl-att tac-citazzjoni u bl-avviz tas-smigh tal-kawza kif trid il-ligi;

Konsegwentement tordna s-smigh mill-gdid tal-kawza wara li l-attur jigi debitament notifikat skond il-ligi bl-att promotur tal-gudizzju;

Il-kawza qed tigi differita biex tkompli tinstema *in rescissorio* u trattata fid-dawl ta’ dan il-gudikat.

L-ispejjez s’issa nkorsi jibqghu a kariku tas-socjeta` konvenuta.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------